

Brussell, 8 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10022/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0173(NLE)**

---

**COEST 442**  
**WTO 117**  
**POLCOM 53**

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 255 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msañhañ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tas-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 255 final.

Mehmuż: COM(2022) 255 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.6.2022  
COM(2022) 255 final

2022/0173 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokomitat  
dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u  
Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati  
Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-  
rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tas-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet  
Ġeografiċi**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Armenja, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Armenja**

Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Armenja ("il-Ftehim") għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubija politika u ekonomika komprensiva u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Armenja, abbażi ta' valuri komuni u rabtiet mill-qrib, inkluż billi tiżdied il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-politiki, il-programmi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Huwa joħloq qafas li jiffavorixxi djalogu politiku msaħħaħ dwar l-oqsma kollha ta' interess reċiproku u jipromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi mill-qrib.

Il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji u l-objettivi ġenerali għar-relazzjonijiet UE-Armenja u joħloq struttura istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021.

#### **2.2. Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografici**

Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huwa stabbilit bl-Artikolu 240 tal-Ftehim. Huwa jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li joriġinaw fl-UE u fir-Repubblika tal-Armenja, u jintensifika l-kooperazzjoni u d-djalogu dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huwa kompost minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja. Jiltaqa' fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, alternattivament fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja. Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens u jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huwa responsabbli biex jemenda l-Anness IX (il-Partijiet A u B) u l-Anness X tal-Ftehim rigward ir-referenzi għal-liġi applikabbli ta' kull Parti, l-elementi għar-reġistrazzjoni u l-kontroll, u l-lista tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Huwa responsabbli wkoll għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku fil-qasam tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

#### **2.3. L-att previst tas-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandu jadotta deċiżjoni dwar ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

L-għan tal-att previst huwa li jadotta, f'konformità mal-Artikolu 240(2) tal-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura li jirregolaw il-funzjonament tas-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Jenħtieġ li l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni tkun tippermetti l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

#### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

##### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”.<sup>1</sup>

##### *4.1.2. Applikazzjoni għal każ preżenti*

Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huwa korp stabbilit mill-Ftehim.

L-att stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effetti legali minħabba li l-Artikolu 240(2) tal-Ftehim jagħti s-setgħa lis-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi biex jadotta deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq il-partijiet.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

#### **4.2. Baży ġuridika sostantiva**

##### *4.2.1. Prinċipji*

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed d-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

##### *4.2.2. Applikazzjoni għal każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

#### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

---

<sup>1</sup> Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tas-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tal-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104<sup>1</sup>, applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 240(2) tal-Ftehim, is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu, għax id-deċiżjoni ta' dak il-Komitat se tkun vinkolanti għall-Unjoni,
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tas-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.
- (5) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fis-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tkun ibbażata fuq l-abbozz tar-regoli ta' proċedura mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tas-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*